MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2014

Numru. 87/2014

Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)

vs

**Frankie Camilleri**, ta' 22-il sena iben Angelo u Rita nee' Xuereb, imwieled Rabat, Għawdex, fis-16 ta' Marzu 1992 u residenti No. 10, Binġemma, Nadur, Għawdex; u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 17192(G).

**Illum L-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat li permezz tagħhom l-imsemmi Frankie Camilleri ġie akkużat talli:

1. Ikkommettejt serq ta' diversi oġġetti liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruq u kif ukoll bil-valur li jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94ċ) iżda li ma jeċċediex l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37ċ) għad-detriment ta' Tomas Huna ID No. 120522A;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u ċioe' c-certifikat tat-twelid tal-imputat mmarkat Dok. 'FT 1', l-fedina penali mmarkata Dok. 'FT 2', Dikjarazzjoni tar-Rinunzja ghal-Parir Legali qabel l-Interrogazzjoni mmarkata Dok. 'FT 3', u l-Istqarrija mmarkata Dok. 'FT 4'.

Semgħet lill-imputat jammetti l-akkużi kif dedotti u dana wara li l-Qorti tagħtu l-fakolta' biex jerġa' jikkunsidra din l-ammissjoni tiegħu.

Il-Qorti għalhekk in vista' tal-ammissjoni tal-imputat issibu ħati, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tpoġġih taħt ordni ta' probation għall-perijodu ta' sena mill-lum.

Wara li rat l-artikolu 24 tal-istess liġi tordna lill-imputat iħallas lill-vittma s-somma involuta ta' mitejn u ħamsin ewro (€ 250) u dana fi żmien xahar mill-lum.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------